# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 29 ta' Marzu, 2001.

Kawza Nru. 14.
Citazz. Nru. 1316/00 JRM

**Emanuel BONELLO bhala Kontrollur ghan-nom u in rappresentanza tal-BANK of INDUSTRY, COMMERCE and AGRICULTURE LIMITED (BICAL)**

**vs**

**Joseph Eleazaro BALZAN.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-konvenut ikkostitwixxa ruhu cert u likwidu debitur tal- Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited fis-somma ta' sebat elef u hames mitt lira maltin (Lm7,500) permezz ta' kuntratt

datat 8 ta' Jannar, 1970 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia li qed jigi hawn anness u markat Dok "A";

Illi l-konvenut illum il-gurnata ghadu debitur ta' l-attur ghas-somma ta' tlett elef, hames mija u erbgha u sittin lira maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm3,564.51) rapprezentanti l-bilanc tas-somma fuq imsemmija mislufa lill-konvenut kif fuq premess;

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas is-somma fuq imsemmija, permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju, 1998 li qed tigi hawn annessa u mmarkata (Dok "B"), huwa baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta' l-attur ghas-somma ta' tlett elef, hames mija u erbgha u sittin lira maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm3,564.51) rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar mislufa lill-konvenut kif fuq premess;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq imsemmija u tiffissa zmien qasir u perentorju ghal dan l- iskop;

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjrui sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat ta' l-attur nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tal-attur nomine** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi, ghall-finijiet tat-tieni talba, tali somma trid tithallas mill-imharrek sa zmien gimgha mid-data li din is-sentenza tghaddi in gudikat.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**15 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Marzu, 2001.**